

Brussell, 8 ta' Novembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0165(NLE)

14387/22
ADD 1

SOC 600
EMPL 411
ECOFIN 1130
EDUC 366
JEUN 165
GENDER 178
ANTIDISCRIM 111

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14111/22 ADD 1
Nru dok. Cion:	9470/22 - COM(2022) 241 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri - Adozzjoni - Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni mill-Ungerija rigward il-proposta ta' hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA
DWAR
ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL DWAR LINJI GWIDA GĦALL-POLITIKI
DWAR L-IMPJIEGI TAL-ISTATI MEMBRI

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-provvista ta' "opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel" fid-deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri.
